Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 343/2012

**Sovereign Hotels Limited**
**(appellant)**

**Vs**

**Id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud)**
**(appellat)**

8 ta' Marzu, 2019

1. **Dan huwa appell minn sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fis-6 ta' Marzu 2018 li ċaħad it-talba tar-rikorrenti sabiex iħassar id-deċiżjoni tal-appellat tat-28 ta' Novembru 2012 permezz ta' liema kienet ġiet infurmata li ma setgħatx tibbenefika minn tnaqqis fl-imgħaxijiet u penali *a tenur* tal-Avviż Legali 112 tal-2012 in kwantu ma tissodisfax il-kriterji elenkati fil-paragrafu 4(ċ) tal-Anness A tal-istess.**

2. In sinteżi, il-proċeduri fl-ewwel stadju żvolġew kif ġej:-

2.1. Permezz ta' rikors ippreżentat fil-21 ta' Diċembru 2012 fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, is-soċjetà appellanti ippremettiet illi:

- permezz ta' ittra datata 23 ta' Lulju 2012 talbet lill-appellat biex jiġu mħassra imgħaxijiet u penali a tenur tal-Avviż Legali 112 tal-2012, ossija, ir-*Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Tħassir ta' Mgħax u Penali Amministrattivi nkorsi taħt l-Att tal-1998 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, l-Att dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa u l-Att tal-1994 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud);*

- b'ittra datata 25 ta' Lulju 2012 l-appellat infurmaha li t-talba tagħha ma setgħatx tintlaqa' għaliex naqset tħallas l-ammont ta' €8,807.23 li kien dovut skont id-denunzja mill-1 ta' Settembru 2011 sat-30 ta' Novembru 2011 iżda jekk jitħallas dan l-ammont sas-7 ta' Awissu 2012, it-talba tagħha kient se terġa tiġi rikunsidrata;

- fil-21 ta' Awissu 2012 ħallset lill-appellat l-imsemmija somma ta' €8,807.23;

- madanakollu, permezz ta' ittra oħra datata 28 ta' Novembru 2012, id-Direttur infurmaha li t-talba tagħha xorta ma setgħatx tiltlaqa' peress li ma kinitx tissodisfa l-kondizzjoni elenkata fil-paragrafu 4(ċ) tal-Anness A tal-Avviż Legali 112 tal-2012;

Ilmentat illi d-deċiżjoni tal-appellat tal-28 ta' Novembru 2012: (i) hija nulla nkwantu priva minn motivazzjoni; u kif ukoll illi: (ii) hija ġiet aċċertata kemm-il darba li l-uniku xkiel li kien hemm għat-talba tagħha kien il-ħlas relattiv għad-denunzja mill-1 ta' Settembru 2011 sat-30 ta' Novembru 2011, liema ammont tħallas, b'dan illi sa nhar it-28 ta' Novembru 2012 hija ma kellha l-ebda denunzja li kellha tiddaħħal sal-15 t' April 2012 li ma kinitx daħlet jew li kienet daħlet mingħajr ħlas u għalhekk it-talba tagħha ma setgħatx tiġi miċħuda għaliex hija kienet tissodisfa l-kondizzjonijiet stipulati fl-imsemmi Avviż Legali.

Talbet għalhekk lit-Tribunal: jannulla d-deċiżjoni tal-appellat tat-28 ta' Novembru 2012 u jirrimanda l-atti lura lid-Direttur appellat għad-deċiżjoni tiegħu skont il-liġi **jew**, alternattivament, iħassar u jirrevoka l-istess deċiżjoni, jiddikjara li hija tissodisfa l-kondizzjoni mfissra fil-paragrafu 4(ċ) tal-Anness A tal-Avviż Legali 112 tal-2012 u konsegwentement jilqa' t-talba tagħha kif dedotta fl-ittra tagħha tat-23 ta' Lulju 2012 u jordna t-tnaqqis fl-imgħaxijiet u fil-penali amministrattivi kif kontemplati fl-imsemmi Avviż Legali.

2.2. Id-Direttur appellat[1] ċaħad l-allegazzjonijiet tal-appellanti bħala infondati billi: (i) l-ittra tat-28 ta' Novembru 2012 hija suffiċjentement motivata; u (ii) it-taxxa dikjarata fid-denunzji tal-appellanti għadha sallum mhux imħallsa b' dan illi l-allegat tort minna subit m'hu xejn għajr konsegwenza tal-mankanzi tagħha stess. Ġie mfisser li:

- l-appellanti naqset milli tissottometti tempestivament u bil-pagament sħiħ 19-il denunzja tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud a tenur tal-artikolu 27(1) u (4) tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406) u għad għandha pendenzi f'taxxa minnha stess iddikjarati bħala dovuti fl-ammont ta' €99,402.08;

- sussegwentement għal dan l-aġir, sal-ġurnata tat-tweġiba, ġiet imposta fuqha:

[1] Fol. 18.

- *late return penalty* fis-somma ta' €4,805.38;
- *short payment penalty* fis-somma ta' €64,327.56; u
- imgħax fis-somma ta' €109,579.91;

- fit-28 ta' Novembru 2012, meta l-appellanti ġiet informata illi t-talba tagħha ma kinitx se tintlaqa' in kwantu ma tissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4(ċ) tal-Anness A tal-Avviż Legali 112 tal-2012, il-kont tagħha kien skopert bi €15,989.88 rappreżentanti ammonti mhux imħallsa fuq żewġ denunzji mill-1 ta' Marzu sal-31 ta' Mejju 2012 (li kellha tkun sottomessa sal-15 ta' Lulju 2012 b' pagament ta' €5,850.71) u mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Awissu 2012 (li kellha tkun sottomessa sal-15 ta' Settembru 2012 b'pagament ta' €18,946.40).

2.3. B'sentenza mogħtija fis-6 ta' Marzu 2018, it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ddeċieda l-każ billi ċaħad it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti kif dedotti minnha fir-rikors ippreżentat fil-21 ta' Diċembru 2012.

3. Minn din id-deċiżjoni appellat is-soċjetà rikorrenti, Sovereign Hotels Limited inkwantu ħassitha aggravata bill-fatt illi:

(i) id-deċiżjoni tal-intimat tat-28 ta' Novembru 2012 mhix suffiċjentement motivata;
(ii) l-interpretazzjoni mogħtija tal-Artikolu 4(ċ) tal-Anness A tal-Avviż Legali 112 tal-2012 hija ħażina.

4. L-appellat da parti tiegħu wieġeb li d-deċiżjoni appellata hija ġusta u timmerita konferma. Żied ukoll li l-aggravji tal-appellanti huma sempliċement riproponiment tal-aggravji u sottomissjonijiet li hija kienet diġà mressqa quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u li din il-Qorti m'għandiex tidħol f'apprezzament fattwali diġa deċiż mit-Tribunal.

**<u>Kunsiderazzjonijiet</u>:**

5. Permezz tal-**ewwel aggravju** l-appellanti tilmeta li t-Tribunal ma kellux jiċħad l-aggravju marbut man-nuqqas ta' motivazzjoni fattwali tad-deċiżjoni tal-Kumissarju tat-28 ta' Novembru 2012. Iżżid li t-Tribunal kien totalment żbaljat meta ddeċieda li *'s-soċjetà Rikorrenti setgħet, kieku indenjat ruħha, tirreferi għall-Annex A ta' l-Avviż Legali 112 ta' l-2012 u b' mod partikolari għall-Artikolu 4 ta' l-istess, li del resto huwa dokument legali pubbliku u kellha kull obbligu, jekk mhux addirittura interess tagħmel hekk.'* Tisħaq li t-Tribunal ma apprezzax verament il-bażi tal-ilment tagħha inkwantu, għalkemm il-liġi hija pubblika, ma

tindikax liema huma l-pagamenti li l-intimat jallega li hija għandha b'lura u kien biss fil-morti tal-proċeduri quddiem it-Tribunal li hija saret taf li t-talba tagħha ġiet miċħuda abbażi taż-żewġ denunzji li għalilhom irrefera l-intimat fit-tweġiba tiegħu.

6. Kuntrarjament għal dak allegat fit-tweġiba tal-appellat, il-kwistjoni kontestata tirrigwarda punt ta' dritt u għalhekk appellabbli *a tenur* tal-artikolu 47 tal-Kap. 406.

7. Il-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal li jitrattaw din il-lanjanza kienu s-segwenti:

*'Id-decizjoni tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) notifikata lis-socjetà Rikorrenti b'ittra datata 28 ta' Novembru 2012 kienet, kif già iktar 'l fuq osservat, tipprovdi li: reference is made to your letter requesting the Director General to reconsider your qualification in the above-mentioned scheme – ossia Scheme for Remittance of Interest and Administrative Penalties. Please note that following the necessary verifications it transpired that you have not satisfied the following condition/s:* ***Paragraph 4(c) in Annex A of Legal Notice 112 of 2012****. In the light of the above it is regretted that your request cannot beacceded to. However, if you are aggrieved by this decision, you may file an appeal with the Administrative Review Tribunal as per article 44(j) of the VAT Act.*

*Minn din l-ittra jirrizulta immedjatament evidenti li, kuntrarjament ghal dak pretiz mis-socjetà Rikorrenti, id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), ta raguni u spjegazzjoni ghalfejn kien qed jichad it-talba tas-socjetà Rikorrenti biex tigi awtorizzata tibbenefika mill-Iskema ta' Thassir ta' Imghax u Multi Amministrattivi stipulata fl-Avviz Legali 112 ta' l-2012, u cioè ghaliex hija ma ssodisfatx il-kondizzjoni stipulata fl-Artikolu 4(c) ta' l-Annex A ta' l-Avviz Legali 112 ta' l-2012. Ghalkemm ma hemmx dubju li r-raguni moghtija mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) hija wahda skjetta u sintetika, xorta jibqa' l-fatt li huwa ta informazzjoni bizzejjed in bazi ghal liema s-socjetà Rikorrenti setghet, kieku indenjat ruhha tirreferi ghall-Annex A ta' l-Avviz Legali 112 ta' l-2012 u b'mod partikolari ghall-Artikolu 4 ta' l-istess, li del resto huwa dokument legali pubbliku u kellha kull obbligu, jekk mhux addirittura interess li taghmel hekk, facilment tkun taf f'iktar dettal in bazi ghal liema raguni d-Direttur Generali cahad it-talba taghha.*

*L-Artikolu 4(c) ta' l-Annex A ta' l-Avviz Legali 112 ta' l-2012 jipprovdi li: Persuna registrata taht xi wiehed mill-Atti (li ghalihom japplika l-Avviz Legali, fosthom l-Att ta' l-1998 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ghandha tikkwalifika ghatthassir skond dan l-Anness jekk: … (c) id-denunzji ta' taxxa kollha dovuti fil-15 ta' Novembru 2011 u fid-dati li fihom sussegwentement huma dovuti d-denunzji ta' wara din id-data jiddahhlu sad-data li kienu dovuti flimkien mal-pagament shih li jkun dikjarat fid-denunzji ta' taxxa rispettivi: Izda persuna registrata tibqa' elegibbli ghat-thassir taht l-iskema meta denunzja ta' taxxa li kellha tiddahhal sal-15 ta' Novembru 2011, 15 ta' Dicembru 2011, 15 ta' Jannar 2012, 15 ta' Frar 2012, 15 ta' Marzu 2012 jew 15 ta' April 2012, tiddahhal bil-hlas shih, jekk ikun hemm, sa' mhux aktar tard mill-15 ta' April 2012, f'liem kaz id-data applikabbli ghall-finijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Anness ghandha tkun meqjusa li tkun id-data ta' meta kienet dovuta li tiddahhal l-ahhar denunzja ta' taxxa li tkun iddahhlet.*

*Dan l-artikolu tal-Ligi huwa relattivament car ghaliex fl-ahhar mill-ahhar jittratta dwar denunzji tat-taxxa tat-taxpayer, fil-kaz in ezami tas-socjetà Rikorrenti, li*

*jigu sottomessi mit-taxpayer innifsu, li allura ghandu jkun jaf ben car x'ghamel u x'ma ghamilx fir-rigward ta' l-istess u konsegwentement ikun jista' jiddetermina jekk id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) kellux ragun jew le f'li jichad it-talba ghall-ammissjoni ghall-Iskema kontemplata fl-Avviz Legali 112 ta' l-2012.*

*Fir-rigward jigi osservat li ghalkemm is-socjetà Rikorrenti tikkontendi li d-decizjoni tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) tat-28 ta' Novembru 2012 tilledi d-dritt ta' l-esponenti li tipprezenta l-appell odjern billi l-istess esponenti ma tistax tibbaza l-istess appell fuq il-mertu veru u prorpju tad-decizjoni appellata, ossija fuq l-apprezzament u l-konsiderazzjonijiet li gew maghmula mid-Direttur intimat, u dan bi ksur tal-principji tant bazilari ta' smigh xieraq, l-istess socjetà ma jidher li kellha l-ebda problema li tattakka tali decizjoni fil-mertu wkoll billi fit-tieni aggravju taghha tikkontendi appuntu, fost affarijiet ohra, li l-esponenti ma kellha l-ebda denunzja li kellha tiddahhal sal-15 ta' April 2012, u li ma kenitx iddahhlet, jew li kienet iddahhlet minghajr hlas, skond Paragrafu 4(c) sucitat, b'dan, ghalhekk illi t-talba ta' l-esponenti kif dedotta fl-ittra taghha tat-23 ta' Lulju 2012 ma setghet qatt tigi michuda abbazi ta' l-istess imsemmi paragrafu.*

*Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk it-Tribunal iqis li d-decizjoni tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) datata 28 ta' Novembru 2012, ma hijiex bla motivazzjoni u bla indikazzjoni tar-raguni in bazi ghal liema giet michuda t-talba avvanzata mis-socjetà Rikorrenti fl-ittra tat-23 ta' Lulju 2012 u konsegwentement ma hijiex nulla. B'hekk l-ewwel aggravju tas-socjetà Rikorrenti mhux gustifikat u ghaldaqstant ma jisthoqqx li jigi milqugh.'*

8. Il-motivazzjoni mogħtija fl-ittra tat-28 ta' Novembru 2012 kienet:

*'Please note that following the necessary verifications it transpired that you have not satisfied the following condition/s: **Paragraph 4(c) in Annex A of Legal Notice 112 of 2012**. In the light of the above it is regretted that your request cannot be acceded to.*[2]

9. Id-dispożizzjoni surriferita tipprovdi kif ġej:

*'id-denunzji ta' taxxa kollha dovuti fil-15 ta' Novembru 2011 u fid-dati li fihom sussegwentement huma dovuti d-denunzji ta' wara din id-data jiddaħħlu sad-data li kienu dovuti flimkien mal-pagament sħiħ li jkundikjarat fid-denunzji ta' taxxa rispettivi:*

*Iżda persuna reġistrata tibqa' eliġibbli għat-tħassir taħt l-iskema meta denunzja ta' taxxa li kellha tiddaħħal sal-15 ta' Novembru 2011, 15 ta' Diċembru 2011, 15 ta' Jannar 2012, 15 ta' Frar 2012, 15 ta' Marzu 2012 jew 15 ta' April 2012, tiddaħħal bil-ħlas sħiħ, jekk ikun hemm, sa mhux aktar tard mill-15 ta' April 2012, f'liema każ id-data applikabbli għall-finijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Anness għandha tkun meqjusa li tkunid-data ta' meta kienet dovuta li tiddaħħal l-aħħar denunzja ta' taxxa litkun iddaħħlet;'*

10. Billi dan il-kriterju ma jirreferix għal xi perjodu fiskali partikolari, iżda jirreferi għad-denunzji kollha dovuti sal-15 ta' Novembru 2011 u fid-dati sussegwenti, <u>minn sempliċi qari ta' din id-dispożijzzjoni ma jirriżultax għal-liema raġunijiet speċifiċi l-appellanti ġiet meqjusa li ma tissodisfax il-kriterji hemm stabbiliti</u>. F' dan is-sens, il-motivazzjoni mogħtija ma kinitx biss skjetta u sintetika, kif deċiż

[2] Fol. 12.

mit-Tribunal, iżda kienet effettivament nieqsa minn bażi fattwali li torbot l-allegat nuqqas ta' adernza mal-imsemmija dispożizzjoni maċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-appellanti.

11. Madanakollu, jrid jitqies ukoll li l-każ in diżamina ma jirrigwardax xi stima ta' taxxa ġenerata mill-appellat li l-appellanti riedet tilqa' għaliha fl-għama, <u>**iżda**</u> **każ fejn is-soċjetà appellanti <u>stess</u> applikat għal tħassir ta' mgħax u penali amministrattivi**. Dan mhux każ fejn b'deċiżjoni tal-appellat l-appellanti ġiet mitluba tagħmel ħlas. Għalhekk kien **jinkombi fuqha** li tissodisfa l-kriterji li trid il-liġi sabiex tkun tista' tibbenefika mit-tħassir mitlub. **Bla dubju l-appellanti kienet taf, jew tal-anqas kellha tkun konsapevoli, liema denunzji u ħlasijiet tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud hija kienet naqset tissottometti**.

12. Inoltré, l-ittra tat-28 ta' Novembru 2012 kienet waħda minn korrispondenza oħra[3]: (i) ittra datata 25 ta' Lulju 2012 li permezz tagħha kienet ġiet infurmata li t-talba tagħha ma setgħetx tiġi kkunsidrata peress li ma kinitx ħallset it-taxxa għall-perjodu 01/09/2011 – 30/11/2011 fis-somma ta' €8,807.23; u (ii) serje ta' *emails* oħra ma' uffiċjal tad-Dipartiment. Abbażi ta' dan, din il-Qorti hija tal-fehma li:

12.1. **kellu jkun ovvju għall-appellanti li n-nuqqas ta' aderenza mal-kundizzjoni 4(ċ) tal-Anness A tal-Avviż Legali 112 tal-2012 kien jirreferi proprju għall-perjodi fiskali bejn l-01.12.2011** (ossija l- perjodu fiskali sussegwenti għal dak li għalih kienet tirreferi l-ittra tal-25 ta' Lulju 2012) **u l-31.08.2012**, li kien l-aħħar perjodu fiskali dovut qabel l-ittra tat-28 ta' Novembru 2012. Billi dawn jammontaw biss tlett denunzji, l-appellanti ma kellhiex għalfejn ma tkunx taf għal-liema mankanzi qiegħed jirreferi għalihom l-appellat;

12.2. f'kull każ, kieku stess kellha xi dubju setgħet titlob kjarifika lid-Dipartiment, ħaġa li ma rriżultatx li għamlet f'dan il-każ minkejja li, meta kien konvenjenti għaliha tikkomunika mad-Dipartiment tal-VAT hija ottjeniet l-indirizz tal-*email* ta' uffiċjal tad-Dipartiment sabiex tħares l-interessi tagħha. F'dawk l-okkażjonijiet l-uffiċjal in kwistjoni dejjem wieġbitha *within the day* u għalhekk, kieku l-appellanti verament kellha bżonn tottjeni xi kjarifika dwar l-ittra tat-28 ta' Novembru 2012, ma kien hemm xejn xi jwaqqafha milli tibgħatilha *email* f'din iċ-ċirkostanza ukoll. Bla dubju l-appellanti ma pproċedietx b'dan il-mod għaliex <u>kienet taf x'mankanzi kien qiegħed jirreferi għalihom id-Direttur appellat u ma kellha bżonn ebda kjarifika fir-rigward</u>.

[3] Fol. 7 – 11.

13. Iżda anké jekk għall-grazzja tal-argument kellu jingħad li l-appellanti ma fehmitx għal x'hiex kien qiegħed jirreferi l-appellat fl-ittra tat-28 ta' Novembru 2012, il-pożizzjoni tagħha bl-ebda mod ma ġiet preġudikata. Dan inkwantu, f'kull każ, <u>irrispettivament minn kif ġiet ifformulta l-ittra tal-appellat tat-28 ta' Novembru 2012</u>:

(i) kien jinkombi fuqha tissodisfa l-kriterji elenkati fl-Avviż Legali 112 tal-2012. F'dan il-kuntest, iċ-ċirkostanzi tagħha qabel u wara l-imsemmija ittra baqgħu li kienu; u

(ii) hija kellha l-possibilità li tirrikorri quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. Hemmhekk, it-tweġiba tal-appellat ġiet preżentata *in limine litis* u kienet dettaljata ferm b'dan illi l-appellanti kellha ċ-ċans kollu tagħamel il-każ tagħha u tilqa' għad-difiża tal-appellat.

14. Għalhekk dan l-aggravju qiegħed jiġi respint.

15. Permezz tat-**tieni aggravju** l-appellanti tilmenta imbagħad li interpretazzjoni mogħtija mill-appellat u mit-Tribunal tal-Artikolu 4(ċ) tal-Anness A tal-Avviż Legali 112 tal-2012 hi żbaljata u mhux konsistenti mal-liġi. Issostni li l-*proviso* tal-imsemmi paragrafu jistipula d-data tal-15 t'April 2012 bħala l-aħħar data li fiha persuna reġistrata għandha ddaħħal ħlas sħiħ tal-ammonti dikjarati minnha fid-denunzji tat-taxxa relattivi fl-istess waqt li hija ddaħħal l-istess denunzji tat-taxxa. Abbażi ta' din l-interpretazzjoni tarġumenta li fit-28 ta' Novembru 2012, hija ma kellha ebda denunzja li kellha tiddaħħal sal-15 t'April 2012 li ma kinitx iddaħħlet jew li kienet iddaħħlet mingħajr ħlas. Dan inkwantu l-ammont li ġie indikat fl-ittra tal-appellat tat-23 ta' Lulju 2012 kien tħallas. Tisħaq li konsegwentement, irrispettivament mill-fatt li parti mill-ammonti dovuti skont denunzji sussegwenti għall-15 t'April 2012 kienu għadhom ma tħallsux, l-appellat kellu neċessarjament jilqa' t-talba tagħha billi hija kienet *ipso jure* eliġibbli.

16. Għalkemm dan huwa punt ta' dritt, l-appellat għandu raġun jikkontendi li l-appellanti tenniet biss l-argument li hija ressqet quddiem it-Tribunal. L-aggravju ma jindirizzax ir-*ratio* tat-Tribunal fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-artikolu tal-liġi in kwistjoni.

17. It-Tribunal qal hekk:

> *'Fil-fehma tat-Tribunal is-socjetà Rikorrenti qed tinterpreta l-Artikolu 4(c) ta' l-Anness A ta' l-Avviz Legali 112 ta' l-2012 b'mod ghal kollox zbaljat u dana jidher ferm car mill-fatt li hija qed tibni u torbot l-argument taghha mad-data tal-**15 ta' April 2012**, li hija d-data li tirrizulta mill-**proviso** ta' l-imsemmi provvediment u mhux mill-**parti principali** ta' l-istess.*

*Minn qari akkurat ta' l-Artikolu 4(c) ta' l-Anness A ta' l-Avviz Legali 112 ta' l-2012, jirrizulta b'mod car li l-kondizzjoni centrali hemm kontemplata u stipulata sabiex taxpayer seta' jibbenefika mill-Iskema ta' Thassir ta' Imghax u Multi Amministrattivi, hija li d-denunzji tat-taxxa kollha dovuti **fil-15 ta' Novembru 2011 u f'dati li fihom sussegwentement huma dovuti d-denunzji ta' wara tali data** jiddahhlu sad-data li jkunu dovuti **flimkien** mal-pagament shih li jkun dikjarat f'tali denunzji. Dan ifisser ghalhekk li t-taxpayer li japplika sabiex jibbenefika mill-isemmija Skema kellu, a tenur ta' l-imsemmi Artikolu, jassigura li **kull** denunzja tat-taxxa li huwa kellu jissottometti mill-**15 ta' Novembru 2011 'l quddiem**, u dana minghajr limitu ta' zmien però zgur sa' meta t-talba tieghu tigi milqugha, skond meta d-denunzji ta' taxxa sussegwenti jkollhom hekk jigu sottomessi, tigi sottomessa entro d-data meta jkollha tiddahhal **flimkien** mal-pagament dikjarat f'dik id-denunzja. Huwa immedjatament evidenti li dawn iz-zewg kundizzjonijiet huma kumultattivi u mhux alternattivi ghal xulxin u b'hekk ghad illi taxpayer jista' jissodisfa kundizzjoni minnhom jekk ma jissodisfax l-ohra wkoll, huwa ma jkunx jista' jibbenefika mill-Iskema ta' Thassir ta' Imghax u Multi Amministrattivi kontemplata fl-Avviz Legali 112 ta' l-2012.*

*Id-data tal-15 ta' April 2012 tirrizulta mill-proviso ta' l-Artikolu 4(c) ta' l-Anness A ta' l-Avviz Legali 112 ta' l-2012, liema proviso jirreferi **biss** ghad-denunzji ta' taxxa li kellhom jiddahhalu fil-15 ta' Novembru 2011, fil-15 ta' Dicembru 2011, fil-15 ta' Jannar 2012, fil-15 ta' Frar 2012, fil-15 ta' Marzu 2012 u fil-15 ta' April 2012 u li ma kienux hekk iddahhalu entro tali dati, b'mod partikolari ghal dawk li jaqghu qabel il-15 ta' April 2012, bil-pagament shih maghhom. Bil-proviso appuntu taxpayer li kien f'tali sitwazzjoni seta' fi kwalunkwe kaz jirregolarizza il-posizzjoni tieghu u b'hekk jkun **elegibbli** li jibbenefika mill-Iskema ta' Mahfra kontemplata fl-Avviz Legali 112 ta' l-2012 billi jdahhal tali denunzji bil-pagament shih maghhom entro l-**15 ta' April 2012**.*

*Fil-fehma tat-Tribunal dan il-proviso però bl-ebda mod ma: (i) jezonera taxpayer li rregolarizza l-posizzjoni tieghu entro l-15 ta' April 2012 skond dak stipulat fl-istess proviso, milli imbaghad joqghod ghal u jottempera ruhu mal-kondizzjoni imposta fil-parti centrali ta' l-Artikolu 4(c) ta' l-Anness A ta' l-Avviz Legali 112 ta' l-2012 u cioè li d-denunzji sussegwenti l-ohra kollha effettivament jiddahhlu entro d-data li fihom ikollhom jiddahhalu bil-pagament shih maghhom bil-pagament shih dovut imhallas maghhom sabiex ikun jista' **jibbenefika** mill-Iskema ta' Thassir; u/jew (ii) jezonera taxpayer li già kien issottometta d-denunzji li kellhom jiddahhlu bejn il-15 ta' Novembru 2011 u l-15 ta' April 2012 entro d-dati li fihom kellhom hekk jiddahhalu bil-pagament shih maghhom, milli joqghod ghal u jottempera ruhu mal-kondizzjoni imposta fil-parti centrali ta' l-Artikolu 4(c) ta' l-Anness A ta' l-Avviz Legali 112 ta' l-2012 biex **jibbenefika** mill-Iskema ta' Thassir.*

*Meta l-fatti tal-kaz jigu kkunsidrati fil-kuntest ta' din l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 4(c) ta' l-Anness A ta' l-Avviz Legali 112 ta' l-2012, li fil-fehma tat-Tribunal hija l-unika interpretazzjoni li tista' tinghata li dan id-dispositiv tal-Ligi, jirrizulta immedjatament evidenti li d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ma kellux triq ohra ghajr li jichad it-talba tas-socjetà Rikorrenti biex tigi awtorizzata tibbenefika mill-Iskema ta' Thassir ta' Imghax u Multi Amministrattivi stipulata fl-Avviz Legali 112 ta' l-2012.'*

18. L-Avviż Legali 112 tal-2012 kien emenda għal-leġislazzjoni sussidjarja 406.18 li kienet oriġinarjament daħlet fis-seħħ permezz tal-Avviż Legali 456 tal-2011. Fih ġie pprovdut li b'effett mill-1 ta' Jannar 2012, imgħax u penali amministrattiva m'għandomx jibqgħu jiddekorru fuq xi ammont ta' taxxa dovuta f'xi żmien ta' taxxa taħt l-Att dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa u l-Att tal-1994 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.[4] Ipprovda wkoll li l-Kummissarju jista' jħassar, ta' darba, imgħax u/jew penali amministrattiva inkorsi jew li jiddekorru lil xi persuna taħt l-Att tal-1998 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, l-Att dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa u l-Att tal-1994 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud skont il-kundizzjonijiet u l-proċeduri li hemm fl-Anness A ta' l-istess regolamenti.[5] Sussegwentement, l-Avviż Legali 112 tal-2012 kien issostitwixxa l-Annex A b'effett mis-16 ta' Marzu, 2012.

19. Paragrafu 4 (ċ) tal-istess jipprovdi:

> *(ċ) id-denunzji ta' taxxa **<u>kollha dovuti fil-15 ta' Novembru 2011 u fid-dati li fihom sussegwentement huma dovuti d-denunzji ta' wara din id-data</u>** jiddaħħlu sad-data li kienu dovuti flimkien mal-pagament sħiħ li jkun dikjarat fid-denunzji ta' taxxa rispettivi:*
>
> *Iżda persuna reġistrata tibqa' eliġibbli għat-tħassir taħt l-iskema meta denunzja ta' taxxa li kellha tiddaħħal sal-15 ta' Novembru 2011, 15 ta' Diċembru 2011, 15 ta' Jannar 2012, 15 ta' Frar 2012, 15 ta' Marzu 2012 jew 15 ta' April 2012, tiddaħħal bil-ħlas sħiħ, jekk ikun hemm, **sa mhux aktar tard mill-15 ta' April 2012**, f'liema każ id-data applikabbli għall-finijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Anness għandha tkun meqjusa li tkun id-data ta' meta kienet dovuta li tiddaħħal l-aħħar denunzjata' taxxa li tkun iddaħħlet;'*

20. Jirriżulta manifest illi l-paragrafu prinċipali irid li sabiex persuna reġistrata tkun eliġibbli għat-tnaqqis li jirreferi għalih l-Avviż Legali 112 tal-2012, irid ikun issottometta, sad-data li kienu dovuti flimkien mal-pagament sħiħ li jkun dikjarat fid-denunzji ta' taxxa rispettivi id-denunzji **<u>kollha</u>** dovuti:

    20.1. <u>fil-15 ta' Novembru 2011</u>; u
    20.2. <u>fid-dati sussegwenti li fihom huma dovuti d-denunzji ta' wara dik id-data</u>.

21. Il-*proviso* qiegħed biss jikkwalifika dik il-parti tal-paragrafu prinċipali li tirreferi għad-denunzji ta' taxxa li kellhom jiddaħħlu sal-15 ta' Novembru 2011, 15 ta' Diċembru 2011, 15 ta' Jannar 2012, 15 ta' Frar 2012, 15 ta' Marzu 2012 u 15 ta' April 2012 billi jipprovdi li, minkejja dak provdut fil-parti prinċipali, persuna tibqa' eliġibbli *ai termini* tal-iskema jekk tissottometti d-denunzji għal dawk il-perjodi flimkien mal-pagament sħiħ relattiv **<u>sal-15 t' April 2012</u>**. **Dan bl-ebda mod ma kien jeżonera lill-persuna reġistrata li tissottometti d-denunzji u tħallas dak dovut għall-perjodi sussegwenti li għalihom**

[4] Regolament 3.
[5] Regolament 4.

**jirreferi l-paragrafu prinċipali**. Il-proviso qiegħed jipprovdi fir-rigward ta' perjodi ta' taxxa partikolari, li d-dikjarazzjoni u ħlas ta' taxxa kellha ssir mhux iktar tard mill-15 ta' April, 2012. Perjodi li huma *exception to the rule* li d-denunzja u l-ħlas dikjarat fid-denunzja għandhom isiru ghandhom isiru.

22. Jirriżulta li **fit-23 ta' Lulju 2012**, meta l-appellanti applikat sabiex tibbenefika mill-iskema, ġiet infurmata li t-talba tagħha ma setgħetx tkun ikkunsidrata għaliex kienet naqset milli tħallas it-taxxa minnha dikjarat bħala dovuta fid-denunzja għall-perjodu bejn **l-1 ta' Settembru 2011 u t-30 ta' Novembru 2011**. Ħlas li suppost sar sal-15 ta' April, 2012.

23. Fatt li diġa kien jagħmilha mhux eliġibbli għat-tħassir skont Annex 1 tal-leġislazzjoni sussidjarja in vista ta' dak li jipprovdi paragrafu 4(c). Għalkemm jidher li hija għamlet il-pagament relattiv fil-21 ta' Awissu 2012, fl-1 t'Awissu 2012 ġiet proċessata[6] d-denunzja tal-appellanti għall-perjodu bejn **l-1 ta' Marzu 2012 u l-31 ta' Mejju 2012** minn fejn irriżulta '*return tax*' dovut fl-ammont ta' €5,850.71, liema ammont ma tħallasx.

24. Għalkemm l-imsemmija denunzja għall-perjodu bejn **l-1 ta' Marzu 2012 u l-31 ta' Mejju 2012** kienet ġiet preżentata fis-17 ta' Lulju 2012, huwa komprensibbli li l-appellat għandu bżonn numru ta' ġranet sabiex jipproċessa d-denunzji kollha li jaslulu. Id-denunzja kienet preżentata b'mod tardiv, u mhux konformi ma' dak li jrid paragrafu 4 ta' Annex 1. L-appellanti, min-naħa l-oħra kienet ben konsapevoli li ma ħallsitx dak minnha stess dikjarat bħala dovut u ma tistax tippretendi li tista' tibbenefika mill-iskema għaliex l-appellat naqas jinkludi tali pendenza fl-ittra tal-25 ta' Lulju 2012. Wara kollox kull mhu jagħmel l-appellat hu li qiegħed japplika l-liġi b'mod korrett. L-appellat ma jistax jaħfer dak li skont il-liġi m'għandux l-awtorita' jaħfer. Fin-nuqqas ikun qiegħed jaġixxi *ultra vires*.

25. Inoltré, sakemm inħarġet id-deċiżjoni tal-appellat tat-28 ta' Novembru 2012, irriżulta ukoll pendenza oħra għall-perjodu bejn **l-1 ta' Ġunju 2012 sal-31 t'Awissu 2012**. Għalkemm l-appellanti tilmenta li l-appellat dam xhur biex jipproċessa t-talba tagħha, in kwantu wieġeb biss fit-28 ta' Novembru 2012, jirriżulta li hija fl-ebda stadju ma kkonformat ruħha mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness A tal-Avviż Legali 112 tal-2012 peress illi:
   - meta applikat fit-23 ta' Lulju 2012 ma kinitx ħallset dak minnha dikjarat bħala dovut għall-perjodu **01/09/2011 – 30/11/2011. Għaldaqstant, diġa kien hemm ksur ta' dak li jeżiġi paragrafu 4(ċ) ta' Annex A**; u

[6] Fol. 35 tindika '*time of update 01/08/2012 07:08:58*'.

- fil-21 ta' Awissu 2012, meta ħallset dak li kien dovut għall-perjodu 01/09/2011 – 30/11/2011, kien hemm ukoll dovuta t-taxxa mhux imħallsa għal perjodu mill-**01.03.2012 sal-31.05.2012**.

26. Fir-rikors tal-appell, l-appellanti argumentat li nhar it-28 ta' Novembru 2012 "*... ma kellha l-ebda denunzja li kellha tiddaħħal sal-15 ta' April, 2012 u li ma kinitx iddaħħlet, jew li kienet iddaħħlet mingħajr ħlas, skont paragrafu 4(c) suċitat, b'dan, għalhekk, illi t-talba tal-esponenti kif dedotta fl-ittra tagħha tat-23 ta' Lulju, 2012 ma setgħet qatt tiġi miċħuda abbażi tal-istess imsemmi paragrafu*". Pero' biex jiġi determinat jekk l-appellanti kinitx intitolata tibbenefika mill-iskema, id-data rilevanti ma kinitx it-28 ta' Novembru 2012.

27. *Trattandosi* ta' eżenzjoni minn imgħax u penali altrimenti dovuti, l-appellat għandu raġun jikkontendi li sabiex tintlaqa' talba a tenur tal-Avviż Legali 112 tal-2012, il-persuna reġistrata in kwistjoni kellha neċessarjament tkun konformi mal-kundizzjonijiet hemm stabbiliti. Ladarba dan ma kienx il-każ l-appellat kellu jiċħad it-talba.

28. Kif tajjeb qal it-Tribunal:

> *'Fil-kuntest ta' l-Iskema ta' Thassir ta' Imghax u Multi Amministrattivi stipulata fl-Avviz Legali 112 ta' l-2012, irid jinzamm ferm il-principju li din kienet u ghadha opportunità biex taxpayer* ***jirregolarizza darba ghal dejjem*** *il-posizzjoni tieghu mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u ghalhekk ma tistax tintuza mit-taxpayer bhala mezz kif jottjeni a one-off discount mid-debitu tieghu versu d-Dipartiment, kif donnha qed tipprova taghmel is-socjetà Rikorrenti.'*

29. Il-qorti taqbel għal kollox mal-mod kif it-Tribunal applika l-liġi u ma ssib xejn x'tikkritika.

30. Għaldaqstant, it-tieni aggravju hu miċħud ukoll.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad dan l-appell, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà appellanti.**

Anthony Ellul.